**QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMHALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel., Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum 9 ta' Frar, 2017

Rikors numru : 546/16 AL

A B

vs

C B

Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentat tar-rikorrenti, li permezz tieghu ppremetta :

1. Illi l-partijiet izzewgu nhar l-ghoxrin (20) ta' Settembru tas-sena elf disgha mija erbgha u sittin (1964) u miz-zwieg taghhom twieldu sitt ulied, illum kollha maggorenni u indipendenti;

2. Illi l-partijiet issepparaw permezz ta' sentenza tal-Prim'Awla Civili presjeduta mill-Imhallef M. Caruana Curran, datata nhar is-sitta u ghoxrin (26) ta' Marzu tas-sena elf disgha mija u tmenin (1980) annessa u mmarkata Dok A;

3. Illi l-partijiet ilhom sitta u tletin sena (36) dejure separati;

4. Illi mhemm l-ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejniethom stante illi minbarra li ilhom iktar sitta u tletin sena ma jghixux flimkien, illum ghandhom hajja totalment separata minn xulxin;

5. Illi tul iz-zmien li l-partijiet ilhom jghixu separati, l-mara dejjem ibbenefikat mill-ghajnuna socjali in vista tal-fatt illi r-rikorrenti kien disokkupat ghal snin twal;

6. Illi z-zewg partijiet jippercepixxu beneficcji socjali u l-penzjoni minn ghand il-Gvern ta' Malta;

Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissudisfaw il-kundizzjonijiet kollha mehtiega ghal-ksib tad-divorzju skond l-Artikolu 66B tal-Kodici Civili, Kap 16 tal-ligijiet ta` Malta;

Talab li l-intimata tghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex :

1. Tippronunzja l-hall taz-zwieg bejniet il-partijiet;

2. Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien imholli ghal daqshekk mill-istess Qorti, javza lid-Direttur tar-Registu Pubbliku bill-hall taz-zwieg tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Rat ir-risposta ta' C B, li permezz taghha tiddikjara illi tishoq li fil-pricipju ma taqbilx mal-procedura tad-divorzju ghax skont hi moralment mhux korrett;

Bl-ispejjez;

Rat id-dokumenti kollha illi gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tat-3 ta' Jannar 2017;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi l-Qorti rat li r-rikorrenti irnexxielu jissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ipprova illi l-partijiet ilhom legalment separati mis-26 ta' Marzu 1980;

Illi ir-rikorrenti ipprova ukoll illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' hlas ta' manteniment;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet  fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.